Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,430, 30 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 279 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emendu Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

S.L. 465. 13.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emendu Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-2020 dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2020.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (o) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(o) l-Italja;";

(b) il-paragrafu (p) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(p) Franza;";

(ċ) il-paragrafu (u) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(u) Spanja;" u

(d) il-paragrafu (v) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(v) il-Polonja.".